FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 29 TA' NOVEMBRU, 1996

Avv Nru.302/96

L-Avukat Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Gasan Insurance Agency Ltd u dina bhala rappresentatrici tad-ditta estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc; kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Joseph Pace

vs

Leonard Ellul

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Gunju, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Tmienja u disghin Lira Maltija u erbgha u dusghin centezmu (Lm98.94), peress illi fl-1 ta' Awissu, 1995, f'Hal Balzan waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura R-5254, b'mod negligenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku, bir-risultat li huwa habat mal-vettura numru I-0019 proprjeta' ta' Joseph Pace.

Ra r-risposta tal-konvenut tad-19 ta' Awissu, 1996, fejn giet kontestata t-talba ghas-segwenti ragunijiet:

i. l-incident "de quo" sehh unikament tort tal-persuna ta' sess femminili, illi kienet qed issuq il-vettura bin-numru I-0019, proprjeta' u ta' Joseph Pace, l-assikurat tal-attur noe et noe, u mhux tal-konvenut;

ii. illi fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat huwa ezorbitanti u eccessiv stante illi l-uniku dannu kagunat fil-vettura tal-assikurat tal-attur noe et noe kienet biss girfa zghira fuq il-"bumper";

iii. salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda ta' Leonard Ellul, Joslyn Ellul, l-Ispettur Joseph Anastasi, Kurt Pace, Yvonne Pace u Dr. Louis Bianchi;

Fil-kors tal-kawza gew ezebiti:

Dok.JA: Sketch;

Dok.JA1: Okkorrenza;

Dok.JA2: Road Accident Report;

Dok.BL: invoice dwar l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li gara fl-1 ta' Awissu, 1995, ghall-habta tas-6.10p.m., fi Triq il-Kannizzata, Balzan bejn il-karrozza Daewoo I-0019 misjuqa minn Yvonne Pace u proprjeta ta' Joseph Pace, u l-karrozza Escort R-5254 misjuqa mil-konvenut Leonard Ellul.

Skond ir-Road Accident Report Dok.JA2:

> "Whilst car No.I-0019 was proceeding through Kannizzata Rd., a cat crossed the road and she stopped and car No.R-5254 was behind her and collided."

Dana jsib konferma kemm mill-isketch ezebit Dok.JA, kif ukoll mill-okkorrenza Dok.JA1, apparti x-xhieda tas-sewwieqa Yvonne Pace u binha Kurt li kien passiggier maghha. Il-konvenut u binthu qed jichdu li habtu maghha.

Skond ma rrizulta l-kwistjoni li taght lok ghall-incident bdiet ferm qabel, u cioe' meta l-konvenut kien ghadu hdejn id-Dolphin Supermarket li jinsab f'Hal Balzan, pparkjat jew miexi bil-mod hafna, meta qabzithu

Yvonne Pace u ghamlitlu mossa baxxa b'idha hi u qed taqbzu. Jidher li tali kkawzat reazzjoni fil-konvenut li beda jsegwiha u baqa sejjer warajha sa Triq il-Kannizzata, fejn f'waqt minnhom qasam il-qattus u Pace zammet "brake" bil-konsegwenza li l-konvenut baqa diehel fiha.

It-Tribunal qed iqies bhala ferm aktar attendibbli ix-xhieda ta' Yvonne Pace u binha, filwaqt li qed iqies ix-xhieda tal-konvenut bhala mhux attendibbli. Tali qed jinghad specjalment in vista ta' dak li qal l-istess Ellul dwar id-danni, li kien preparat ihallas tal-"bumper" ghalkemm ma messiex, ghax hu ma jiehux gost jidhol il-Qorti.

Wiehed ghalhekk ghandu jifhem li l-konvenut iddikjara li kien lest li jhallas l-ispejjez kollha tal-"bumper" anke jekk ma kellux tort, anke jekk ma laqatx maghha, u lanqas ma messa. Tali versjoni ma tistghax tigi akkolta mit-Tribunal ghax inattendibbli.

Inoltre jekk wiehed jara l-isketch Dok.JA fejn hemm indikati d-danni risultanti mil-kollizzjoni, u d-Dok.BL dwar l-entita' tad-danni, dawna jikkuntrastaw enormement ma dak li xehed l-istess Ellul meta qal: "Jien ma lqattiex."

Dana kollu jghin biex isahhah lit-Tribunal fil-konvinciment li dak li qed jghid il-konvenut ma hux minnhu, u f'dan is-sens it-Tribunal ma jistghax ma jirrimarkax fuq l-importanza li dak li jinghad ghandu jkun il-verita', u mhux nofs verita' jew addirittura mhux verita'.

It-Tribunal mil-lat l-iehor ma jistghax ma jiddeplorax l-agir ta' Yvonne Pace meta ghamlet dik il-mossa baxxa lill-konvenut.

Pero' ghall-incident "de quo" ma hemmx dubbju li dana gara minhabba li l-konvenut ma zammx id-distanza li kellhu jzomm mill-karrozza ta' Pace, u ghaldaqstant u responsabbli ghad-danni sussegwenti.

Dwar id-danni ma jirrizultax bl-ebda mod li dawn huma ezagerati. Dawna kienu fil-fatt jirrigwardaw "rear Bumper & strip", "bumper support" u "number plate."

Id-Dok.BL juri li kien hemm Tmienja u tmenin Lira Maltija u erba u disghin centezmu, piu' Ghaxar Liri ghall-isketch, Road Accident Report u okkorrenza. Dawna jgibu total ta' Tmienja u disghin Lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm98.94).

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tal-attur noe et noe u jikkundanna lil-konvenut ihallas lill-istess l-ammont ta' Tmienja u disghin Lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm98.94), kif fuq inghad;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.